

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u F. Naert, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġent) u Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Bartelt, D. Gauci u T. Scharf, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, ċerti entitajiet u ċerti korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 26), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi kontra ċerti persuni, ċerti entitajiet u ċerti korpi fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 1), u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/143, tad-29 ta' Jannar 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2014/119 (ĠU L 24, p. 16), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/318, tad-29 ta' Jannar 2015, li jemenda r-Regolament Nru 208/2014 (ĠU L 24, p. 1), sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent.

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi kontra ċerti persuni, ċerti entitajiet u ċerti korpi fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi kontra ċerti persuni, ċerti entitajiet u ċerti korpi fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, huma annullati sa fejn jikkonċernaw lil Mykola Yanovych Azarov.*
- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn Mykola Yanovych Azarov fir-rigward tat-talba għal annullament imressqa fir-rikors.*
- 4) *Mykola Yanovych Azarov huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kunsill fir-rigward tat-talba għal annullament imressqa fin-nota ta' adattament tat-talbiet.*
- 5) *Ir-Repubblika tal-Polonja u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

(¹) ĠU C 223, 14.7.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2016 – Azarov vs Il-Kunsill

(Kawża T-332/14) (¹)

(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta’ fondi — Lista ta’ persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi — Inklużjoni tal-isem tar-rikorrent — Prova tal-fondatezza tal-iskrizzjoni fuq il-lista”)

(2016/C 098/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Oleksii Mykolayovych Azarov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentanti: G. Lansky u A. Egger, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u F. Naert, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Bartelt, D. Gauci u T. Scharf, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, ċerti entitajiet u ċerti korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 26), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, ċerti entitajiet u ċerti korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 1), u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK, tal-14 ta' April 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119 (ĠU L 111, p. 91), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 381/2014, tal-14 ta' April 2014, li jimplementa r-Regolament Nru 208/2014 (ĠU L 111, p. 33), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/43, tad-29 ta' Jannar 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2014/119 (ĠU L 24, p. 16), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/138, tad-29 ta' Jannar 2015, li jemenda r-Regolament Nru 208/2014 (ĠU L 24, p. 1), sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent.

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi kontra ċerti persuni, ċerti entitajiet u ċerti korpi fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK, tal-14 ta' April 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi kontra ċerti persuni, ċerti entitajiet u ċerti korpi fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 381/2014, tal-14 ta' April 2014, li jimplementa r-Regolament Nru 208/2014, huma annullati sa fejn jikkonċernaw lil Oleksii Mykolayovych Azarov.*
- 2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti minn Oleksii Mykolayovych Azarov fir-rigward tat-talba għal annullament imressqa fir-rikors.*
- 4) *Oleksii Mykolayovych Azarov huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kunsill fir-rigward tat-talba għal annullament imressqa fin-nota ta' adattament tat-talbiet.*
- 5) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*

⁽¹⁾ ĠU C 223, 14.7.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2016 – Davó Lledó vs UASI – Administradora y Franquicias América u Inversiones Ged (DoggiS)

(Kawża T-335/14) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva DoggiS — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti DoggiS — Trade marks nazzjonali verbali preċedenti DOGGIS u DOGGIBOX — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti li jirrapreżentaw lil persunaġġ fil-forma ta' hot-dog — Provi komplementari ppreżentati għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell — Artikolu 76 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Mala fide — Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 — Provi ppreżentati għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali”)

(2016/C 098/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: José-Manuel Davó Lledó (Cartagena, Spanja) (rappreżentanti: J. V. Gil Martí, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: S. Palmero Cabezas, aġent)